# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Raymond Aquilina)**

**vs**

**Stephen Mario Mercieca**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Stephen Mario Mercieca**, detentur tal-karta tal-identita` numru 26091M fejn ġie mixli talli

BILLI int akkuzat talli fdawn il-Gzejjer, u/jew fil-fond *ALFA Company Limited* bin-numru tar-registrazzjoni bin-numru C5482 Ii tinsab u/jew kienet tinsab gewwa "Technology Solutions Centre", Cannon Road, Santa Venera liema kumpanija hija propjeta ta' Alf. Mizzi and Sons [Marketing) Limited, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda bejn *Jannar 2001 u Awwissu 2014,* fil-kapacita' tieghek bhala "General Manager", *"accountant" u "Chief Financial Officer"* mal-kumpanija *"ALFA Company Limited";*

1. B'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi

foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti imrnaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamilt qligh li jammonta ghal aktar minn hamest elef euro (€5000) ghad-detriment ta' ALFA Company Limited li ghandha n-numru tar-registrazzjoni C 5482, *u dan ai termini ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodlii Kriminali, Kapitolu 9 tal-Llqijiet ta' Malta;*

2. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ikkomettejt serq b'valur li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezrnu (232.94), ghad-dannu ta' ALFA Company Limited Ii ghandha n-numru tar-registrazzjoni C5482, u/jew persuni/kumpaniji ohra, liema serq hu kkwalifikat *bil-valur* u *bil-persuna u dan ai termini ta' I-artikoli* 267,268,279 *u 280 tal-Kodlci KriminaJi, Kapitolu* 9 *tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi., approprjajt ruhek minn somma ta flus li tammonta ghal aktar minn harnest elef euro (€5000) ghad-dannu ta' ALFA Company Limited li ghandha n-numru tar-registrazzjoni C5482, u/jew persuni/kumpaniji ohra, liema flejjes gew fdati Iilek rninhabba I-professjoni, industrja, kurnmerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 5 tal-Kapitolu 373 u tal-Artikoli 23A u 23B tal-Kodiċi Kriminali nonche li tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha.

Rat li matul is-seduta tal-1 ta' Marzu 2017 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul il-kors tal-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali l-imputat stqarr li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont kif speċifikat aktar ʻil fuq.

Wara li rat l-Artikoli 392A(1) u 453(1) tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti spjegat lill-imputat bl-aktar mod solenni il-konsegwenzi li jitnisslu mid-dikjarazzjoni ta' ħtija inkondizzjonata tiegħu inkluż il-fatt li l-Qorti setgħet timponi piena karċerarja jew piena oħra statutorja. Wara li tat lill-imputat żmien biżżejjed sabiex jekk irid jirtira l-ammissjoni tiegħu u wara li reġgħet staqsiet lill-imputat x'għandu xi jgħid dwar l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, l-imputat, fil-presenza tal-Avukat Difensur u wara li kkonferixxa miegħu reġa' tenna li huwa ħati skont kif kien tenna ftit qabel.

Il-Qorti ħadet nota bil-miktub ta' din id-deċiżjoni tal-imputat fl-atti tal-kawża.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jitrattaw il-kawża. Rat ukoll li l-partijiet preżentaw rikors konġunt magħmul bejn l-Avukat Ġenerali u l-imputat filwaqt li ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, u talbu lil din il-Qorti biex fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-imputat għat-tielet imputazzjoni li

għall-fini ta' piena qegħda titqies bħala alternattiva għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tenendo conto tal-fatti specie kollha tal-każ, is-sanzjoni jew miżura li għandha tiġi nflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' ordni ta' probation għall-perjodu ta' tliet snin kif ukoll ta' ordni ta' servizz fil-komunita', liema servizz għandu jikkonsisti f'mitt siegħa cogħol fil-komunita fuq medda ta' sentejn u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti qieset li qabel xejn kellha tisma' lill-Uffiċjal Prosekutur sabiex jixhed f'aktar dettall dwar il-fatti f'dan il-każ. Inoltre iddeċidiet li tordna lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jipprepara relazzjoni fl-isfond tal-Artikolu 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu kif speċifikati aktar 'il fuq, hija ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet ix-xiehda ta' Donnalise Livori, uffiċjal tal-Probation minn fejn irriżulta li l-imputat kien kandidat idoneju sabiex jippresta servizz fil-komunita. Interessanti hawnhekk li din l-Uffiċjal tal-Probation ma semmitx ukoll ħtieġa li l-imputat jitqiegħed taħt ordni ta' probation skont kif mitlub mill-partijiet f'dan il-każ.

Il-Qorti semgħet bir-reqqa x-xiehda tal-Ispettur Raymond Aquilina f'dan il-każ. Semgħet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet, u b'mod partikolari l-punti msemmija mid-Difiża li huma reġistrati fl-atti.

***Ikkunsidrat : -***

Il-Qorti tifhem id-diffikultajiet li l-imputat għandu f'dan il-każ. Biss jisgħob biha tinnota li dawn id-diffikultajiet ġabhom fuqu nnisfu l-istess imputat bl-azzjoni kriminuża tiegħu. Ħadd ma imponihom fuqu għajr ħlief hu innifsu meta f'siegħa ħażina li għadda minnha żbalja u żbalja bil-kbir. Dan hu veru każ li dardar l-għajn li ried jiekol minnha, jew aħjar qatel il-wiżża li kienet tbid il-bajd tad-deheb. Verament li parti mill-piena għall-egħmil tiegħu diġa qiegħed iġorrha bis-sagrifiċċji personali li issa jidher li qiegħed jagħmel biex irodd lura dak li ħa mingħajr dritt.

Iżda din il-Qorti hija kostretta li tgħaddi piena skont il-Liġi b'mod li jkun mhux biss proporzjonat mar-reati kommessi mill-imputat fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha li jsawruh, iżda trid timponi piena li tkun ukoll kemm jista' jkun proporzjonata ma'dawk is-sentenzi l-oħra li dawn il-Qrati taw fil-passat fir-rigward ta' reati simili. Verament li ebda każ ma huwa bħall-ieħor u kull każ ikollu karatteristiċi u partikolaritajiet differenti u għalhekk bosta drabi il-paraguni huma odjużi.  Iżda l-Liġi trid timxi ugwali ma kulħadd, bażata fuq il-provi li jinġiebu quddiem il-Qorti.

Ħarsa lejn il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kamp tar-reati ta' natura finanzjarji turi li dawn il-Qrati emanaw diversi sentenzi li jvarjaw minn priġunerija effettiva għal priġunerija fil-forma sospiża, għal ordnijiet ta' probation, servizzi fil-komunita kif ukoll xi drabi, liberazzjoni kondizzjonata.  Il-ġurisprudenza għalhekk hija waħda imżewqa kif tixhed is-sentenza ***Il-Pulizija vs. Lawrence Fenech,*** deċiża nhar il-11 ta' Novembru 2014 u oħrajn li segwew warajha.

Din il-Qorti tħoss li minkejja kollox il-piena proposta mill-partijiet fir-rikors konġunt mhix waħda idoneja meta jittieħed kont tas-serjeta ta' dan il-każ, b'mod partikolari meta jitqies li l-imputat tradixxa l-fiduċja ta' min kien qiegħed iħadmu tant li dan issa ma jridx jaf bih aktar (u dan a differenza ta' dak li seħħ fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Raisa Borg*** deċiża fis-16 ta' Marzu 2015).

Il-piena ta' probation mhix indikata għal persuna bħal ma huwa l-imputat, persuna edukata, li għandu professjoni u li anke skont il-probation officer Donnalise Livori, jgħix ħajja stabbli u li ma għandu ebda vizzju apparenti u li illum l-anqas ma huwa minorenni. Fil-fatt l-anqas ma din il-probation officer ma tirrakkomanda din it-tip ta' ordni fil-konfront tal-imputat. Fil-fehma tal-Qorti ordni ta' probation f'dan il-każ tkun superfluwa klassifikabbli bħala non-piena.

Mill-banda l-oħra l-imputat pero jimmerita tnaqqis fil-kwalita u kwantita tal-piena infliġġenda għaliex ammetta ħtijietu mal-ewwel opportunita disponibbli għalih. Mhux hekk biss, iżda għalkemm l-ammont ta' flus meħud mingħajr jedd mill-imputat kien wieħed kbir, tant li l-partijiet biss biss l-anqas ma jafu sew kemm kien eżatt dan l-ammont, huma waslu għal ċifra li ġiet kanonizzata f'att ta' kostituzzjoni ta' debitu b'ipoteka ġenerali fuq il-ġid kollu tal-imputat u martu; b'dan li l-imputat qiegħed iħallas l-ammont ta' flus kbir fuq bażi mensili in forza għal dan l-att pubbliku. Hawnhekk juri li l-imputat, minn jeddu u biex din l-istorja ma tikbirx aktar milli dovut, għamel sforz biex jirriżarċixxi lill-vitma l-ammont li huwa ħa mingħajr jedd b'mod li qiegħed iħallas il-bilanċ dovut fuq bażi mensili.

Skont il-Liġi jimmerita tnaqqis fil-piena wkoll għaliex ħallas dejnu anke qabel ma bdew dawn il-proċeduri. Dan ifisser ukoll li l-imputat jikkwalifika għal tnaqqis fil-piena skont it-termini tal-Artikolu 337(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali bi grad jew tnejn.

Inoltre, il-fedina penali tal-imputat hija waħda pratikament netta, imtapna biss b'żewġ kundanni għal sewqan b'veloċita aktar milli jmissu darba b'vettura fuq l-art u darb'oħra b'opera tal-baħar.

Għar-raġunijiet spjegati mid-Difiża piena karċerarja f'dan il-każ tispiċċa tippenalizza aktar lill-vitma aktar milli lil ħati. Aktar u aktar meta l-istess vitma ma riedetx li jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-istess imputat.

Il-Qorti tqis li f'dan il-każ pero l-imputat għandu jagħmel tajjeb għall-egħmil kriminuż tiegħu billi filwaqt li jirrestitwixxi lill-vitma l-ammont ta' flus meħuda mingħajr jedd huwa jirrendi ruħu soċjalment utli billi jagħmel għadd ta' siegħat ta' servizz fil-komunita. L-ammont ta' siegħat ta' servizz fil-komunita' propost mill-partijiet f'dan il-każ huwa żgħir wisq tenut kont tal-gravita tar-reat u tal-ksur tal-fiduċja tal-parte civile. Il-Qorti tqis li l-ammont ta' servizz fil-komunita għandu jkun dak ta'

tliet mija u ħamsin (350) siegħa minflok, li jistgħu jiġu mifruxa fuq perjodu ta' sentejn.

## *Decide : -*

Li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 261(c)(d), 267, 268, 279, 280, 293, 294, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tiċħad it-talba tal-imputat u l-Avukat Ġenerali kontentuta fir-rikors konġunt tal-21 ta' Frar 2017 u tiddeċiedi li minflok tagħti piena ta' priġunerija kontra Stephen Mario Mercieca qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal tliet mija u ħamsin (350) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-Stephen Mario Mercieca bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-

digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tal-Probation assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq ta' l-ordni hawn fuq imsemmi.

Stante li ma jirriżultax li saru spejjeż peritali matul il-kors tal-investigazzjoni jew tal-konduzzjoni ta' dan il-każ quddiem din il-Qorti, l-istess Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum 25 t'Ottubru 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***